MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI
# (GHAWDEX)
# (GURISDIZZJONI SUPERJURI)
# (SEZZJONI GENERALI)

**MAGISTRAT DR.**
**PAUL COPPINI**

Seduta ta' l-1 ta' Ottubru, 2013

Citazzjoni Numru. 15/2004

**Emanuel, Salvu, Marcel, Carmela mart Ganni Bajada u Josephine mart Anthony Bajada ilkoll aħwa Agius**

**vs**

**Emanuel Spiteri;**
**Charles Edward Spiteri;**
**Alveene mart Joseph Refalo;**
**Jason John Spiteri;**
**Salvina mart John Pace;**
**Charles Edward Spiteri li b'digriet tas-27 ta' April 2004 ġie**
**nominat Kuratur Deputat sabiex jidher għall-imsiefer Mario Spiteri; u b'digriet tat-30 ta' Ottubru 2008 ġie kjamat fil-kawża John Agius, Michelina Spiteri u Mario Agius, u b'digriet tal-10 ta' Diċembru 2008 Pollyanne Magro ġiet nominata sabiex tirrapreżenta lill-imsefrin Michelina Spiteri u Mario Agius**

**Sentenza In Parte**
**Illum it-Tlieta, 1 ta’ Ottubru 2013**

Il-Qorti,

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-atturi, wara li ppremettew:

Illi fit-tlieta (3) ta’ Marzu elfejn u wieħed (2001) mietet f’Victoria, Giovanna Spiteri xebba bint il-mejtin Giuseppe u Giuseppa nee’ Spiteri.

Illi Giovanna Spiteri mietet intestata u wirtuha skond il-liġi kwantu għal kwart kull wieħed ħutha Francesca mart Paul Aguis, Salvina mart John Pace, u Emanuel aħwa Spiteri, u kwantu għar-rimanenti kwart bejniethom ulied il-mejjet ħuha Michael Spiteri li huma l-konvenuti Charles Edward, Alveene mart Joseph Refalo, Mario u Jason John aħwa Spiteri.

Illi mill-imsemmija eredi ta’ Giovanna Spiteri, Francesca mart Paul Aguis mietet fil-ħdax (11) ta’ Novembru ta’ l-elfejn u tnejn (2002), intestata u wirtuha skond il-liġi uliedha Emanuel, John, Marcel, Salvu, Carmela mart Ġanni Bajada, u Josephine mart anthony Bajada, aħwa Aguis.

Illi l-atturi rrendew diversi servizzi u assistenzi lill-imsemmija Giovanna Spiteri matul ħajjitha.

Illi l-esponenti ma jixtiequx jibqgħu iktar fi stat ta’ komunjoni flimkien mal-konvenuti u jixtiequ wkoll li jiġi likwidat il-kumpens dovut lilhom għas-servizzi mogħtija minnhom  lill-mejta Giovanna Spiteri.

Illi minkejja diversi interpellazzjonijiet il-konvenuti naqsu li jersqu kemmm għad-diviżjoni ta’ l-eredita’ ta’ Giovanna Spiteri kif ukoll għall-likwidazzjoni u ħlas ta’ kumpens għas-servizzi mogħtija lilha mill-atturi.

Talbu lill-konvenuti jgħidu għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

1. Tiddikjara illi l-konvenuti qua ko-eredi ta' Giovanna Spiteri huma responsabbli lejn l-atturi għall-ħlas tal-kumpens dovut għas-servizzi resi minnhom lill-istess Giovanna Spiteri;

2. Tillikwida l-kumpens dovut minnhom għal dawn is-servizzi;

3. Tiffissa u tistabbilixxi l-konsistenza ta' l-assi ta' l-ereditarji ta' l-imsemmija Giovanna Spiteri u dan billi tiddikjara li l-istess jikkonsistu f'dawk il-beni u sustanzi li jirriżultaw fil-kors tal-kawża;

4. Tiddikjara li l-istess beni huma pposejeduti mill-kontendenti fil-kwoti riżultanti mill-anness Dok. A jew fil-kwoti iktar korretti li jirriżultaw lill din l-Onorabbli Qorti;

5. Tordna li l-kumpens dovut għas-servizzi mogħtija mill-atturi jitnaqqas minn sehem spettanti lill-konvenuti Qorti;

6. Tordna d-diviżjoni ta' l-assi ereditarji il-kwoti hekk stabbiliti u dan ad opera ta' perit jew periti li jiġu maħtura għal dan il-fini minn din l-Onorabbli;

7. Tordna l-pubblikazzjoni ta' l-atti opportun ta' diviżjoni f'data, ħin u lok kif jiġi determinat minn din l-Onorabbli Qorti bl-intervent ta' kuraturi deputati maħtura minn din l-Onorabbli Qorti sabiex jirrapreżentaw lill-eventwali kontumaċi.

8. Kemm-il darba l-beni oġġetti ta' din il-kawża, jew uħud minnhom, jirriżulaw illi mhumiex komodament diviżibbli bejn il-kontendenti, torna l-bejgħ b'liċitazzjoni ta; l-istess u r-rikavat jiġi perċepit bejn il-kontendenti skond il-kwoti hekk iffissati.

Bl-ispejjeż inklużi dawk taż-żewġ ittri interpellatorji ta' l-erbgħa (4) ta' Ġunju elfejn u wieħed (2001) u tat-tnax (12) ta' Novembru ta' l-elfejn u wieħed (2001), u taż-żewġ ittri

uffiċjali ppreżentati f'ottubru ta' l-elfejn u wieħed (2001) u f'Lulju ta' l-elfejn u tnejn (2002).

Il-konvenuti huma mħarrka għas-subizjoni li għaliha minn issa qiegħdin jiġu nġunti.

Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-atturi kkonfermata bil-ġurament minn Emanuel Agius.

Rat in-Nota ta' l-Eċċezzjonijiet tal-konvenuti li eċċepew illi:

1. Illi in linea preliminari hemm in-nuqqas ta' inegrita' tal-ġudizzju billi l-atturi għandhom ħuthom oħrajn li huma wkoll eredi tal-mejta Giovanna Spiteri li ma nkludewhomx partijiet fil-kawża u ċioe' John Agius u l-imsifrin Mario Agius u Michelina mart John Spiteri;

2. Illi l-mejta Giovanna Spiteri kellha ħames ħutha oħra u mhux erbgħa kif erroneament ddikjarat mill-atturi fil- premessi taċ-ċitazzjoni tagħhom u ċioe' lil Francesca miżżewġa Agius li mietet wara oħtha Giovanna Spiteri u wirtuha l-atturi u ħuthom l-oħra hawn fuq imsemmija; Edward Spiteri li rrinunzja għall-wirt tagħha b'nota pprżentata fil-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Volontarja tal-wieħed u għoxrin (21) ta' Mejju elfejn u erbgħa (2004); Mariana sive Mario Spiteri li huwa rappreżentat minn neputi Charles Edward Spiteri; Salvina miżżewġa Pace; u Michael Spiteri li wirtuh il-konvenuti Charles Edward, Alveene Refalo, u Jason John, aħwa Spiteri;

3. Illi in vista tar-rinunzja ta' Emanuel Spiteri għal sehemu mill-wirt tad-decujus, il-wirt tal-mejta Giovanna Spiteri jrid jinqasam in kwantu għal kwart (1/4) favur l-eredi ta' Francesca Agius bejniethom ilkoll, kwart (1/4) kull wieħed favur Salvina Pace u Mariano sive Mario Spiteri, u kwart (1/4) favur l-eredi ta' Michael Spiteri bejniethom;

4. Illi l-eċċipjenti qatt m'opponew ruħhom li l-atturi jiġu kkumpensati b'mod ġust tas-serviġi, kuri, u assistenzi li kienu rrendew realment lil Giovanna Spiteri

kemm damet interdetta sa ma mietet, iżda kienu l-istess atturi li qatt ma ftiehemu bejniethom dwar il-ħlas li kienu offrewlhom l-eċċipjenti billi wħud minnhom kienu qegħdin jippretendu sommom esorbitanti u lanqas ma kien hemm ftehim dwar il-ħlas tas-serviġi li kienu rrebdewlha wkoll il-konvenuti Salvina Pace u Charles Edward Spiteri qabel ma ħaduha għandhom l-atturi, u għaldaqstant il-konvenuti m'għandhom ibgħatu ebda spejjeż a rigward it-talbiet relattivi;

5. Illi permezz ta' proċeduri oħra li kienu ttieħdu mill-atturi quddiem din il-Qorti u quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Għawdex) Ġurisdizzjoni Volontarja, kien ġie nnomat (sic) l-Avukat Dottor Joseph Grech bħala kuratur tal-mejta Giovanna Spiteri u kien ġie mogħti l-inkarigu li jamministra l-ġid li kellha l-mejta kif ukoll li jagħmel dawk il-ħlasijiet tal-ispejjeż li l-atturi kienu qegħdin jinkorru fihom a benefiċċju tal-imsemmija Giovanna Spiteri, u wkoll sabiex jirrelata dwar in-natura u l-konsistenza tas-serviġi resi mill-atturi u għaldaqstant ikun opportun li a skans ta' dupliċita' ta' provi u tul żejjed ta' żmien bla bżonn, l-Avukat Joseph Grech jiġi nominat mill-ġdid bħala perit legali bl-inkarigu li jirrelata dwar it-talba tal-atturi fid-dawl tal-provi li huwa kien ġabar fi żmien li kien kuratur tal-istess Giovanna Spiteri;

6. Illi l-kumpens dovut min mill-partijiet irrenda serviġi lill-mejta Giovanna Spiteri għandu l-ewwel jinqata' mill-ġid li kellha d-decujus u l-kumplament ta' ġidha jiġi spartit bejn il-benefiċjarji tagħha fil-kwoti hawn fuq indikati;

7. Illi dwar id-diviżjoni tal-assi tal-mejta Giovanna Spiteri, l-eċċipjenti qatt m'opponew ruħhom għaliha u mhumiex qegħdin jopponu ruħhom li ssir purche' li qable jiġu verifikati l-kwoti tal-benefiċċjarji msemmija hawn fuq kif ukoll tiġi stabbilita l-konsistenza tal-assi li kellha d-decujus;

8. Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenuti kkonfermata bil-ġurament ta' Charles Edward Spiteri.

Rat il-verbal tal-legali tal-kontendenti tal-11 ta' Diċembru 2012 fejn qablu li f'dan l-istadju għandha tingħata sentenza *in parte* fuq it-talba għal-likwidazzjoni tal-kumpens li jista' jkun dovut għal xi serviġi reżi mill-atturi.

Rat id-digriet tagħha tat-28 ta' Ġunju 2013 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza fuq l-ewwel żewġ talbiet.

Rat in-Noti ta' l-Osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti.
Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża.

Rat id-digriet tagħha tat-8 ta' Frar 2008 fejn ordnat l-allegazzjoni ta' l-atti: (i) tal-kawża ċitaz. nru.150/2000 fl-ismijiet "Emanuel Agius vs Salvina Pace noe. et.", deċiża minn din il-Qorti, kif ippreseduta fis-6 ta'Ottubru 2000; u (ii) tar-Rikorsi quddiem din il-Qorti fil-Ġurisdizzjoni Volontarja tagħha numri: 179/2000; 48/2001 u 129/2000 (dan ta' l-aħħar ma jidher li għandu xejn x'jaqsam mal-kwistjoni bejn il-kontendenti).

Rat l-atti hawn indikati.

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta' din il-kawża l-atturi qegħdin *inter alia* ifittxu li jiġu kkumpensati għal serviġi li jgħidu li rrendew liz-zija tagħhom Giovanna xebba Spiteri, u li tagħha huma ko-eredi (*ab intestatio*) flimkien mal-konvenuti. Fl-aħħar żminijiet ta' ħajjitha l-imsemmija Giovanna Spiteri kienet ġiet interdetta wara proċeduri apposita li ttieħdu mill-istess atturi (ċitaz.150/2000) minħabba s-*senile dementia* qawwija li din kienet qegħdha tbati minnha. Bis-sentenza li ngħatat f'dik il-kawża kien ġie nominat bħala kuratur sabiex jieħu ħsieb l-interessi ta' ħwejjiġha l-Avukat Dottor Joseph Grech. In segwitu għall-mewt tagħha l-istess Dottor Grech intalab jipprepara rapport dwar il-kumpens li seta' kien dovut lill-atturi għal serviġi li dawn kienu qed jgħidu li rrendew lill-interdetta fl-aħħar żminijiet ta' ħajjitha. Dr. Grech, wara li ngħata l-fakulta' jisma' x-xhieda bil-

ġurament tal-persuni nvoluti, illikwida kumpens lill-atturi fis-somma ta' Lm2070.[1] Jidher li l-atturi ma kienux sodisfatti bl-ammont hekk likwidat u allura pproċedew bil-kawża presenti ħalli dan il-kumpens jiġi likwidat minn din il-Qorti. L-atturi qed ifittxu li jiġu rimborsati wkoll ta' l-ispejjeż inkorsi minnhom fil-kors tat-twettieq ta' dawn is-serviġi. Il-konvenuti mhux jikkontestaw il-fatt li l-atturi rrendew serviġi lill-imsemmija Giovanna Spiteri, li tagħhom għandhom jiġu kkumpensati. Jidher li jaċċettaw ukoll li dawn għandhom jingħataw is-somma li ġiet likwidata mill-perit legali Dottor Joseph Grech fil-proċeduri quddiem il-Qorti ta' Ġurisidizzjoni Volontarja. Jikkontesaw biss l-utilita' tal-proċeduri odjerni u għalhekk isostnu li m'għandhomx ibatu spejjeż.

A skans ta' ripetizzjonijiet inutili din il-Qorti qegħdha tagħmel referenza sħiħa għall-proċeduri quddiem din il-Qorti fil-Ġurisdizzjoni Volontarja tagħha fl-atti tar-Rikors Nru.179/2000, u in partikolari għar-rapport ta' l-Avukat Dottor Joseph Grech dwar il-kumpens minnu likwidat favur l-istess atturi presenti, wara li sema' x-xhieda kollha li għoġobhom iressqu quddiemu l-atturi. Kif ġia ngħad hawn fuq, il-perit legali f'dawk l-atti llikwida s-somma ta' elfejn u sebgħin lira maltija (Lm2070) għal dawn is-serviġi. Dan l-ammont wasal għalih wara li ibbaża ruħu fuq rata ta' ħamsa u erbgħin lira maltija (Lm45) fil-gimgħa, ikkalkulati fuq il-paga minima nazzjonali korrenti fil-perijodu li fih ġew resi dawn is-serviġi, immultiplikat b'firxa ta' sitta u erbgħin (46) ġimgħa li matulhom l-atturi bejniethom rrendew l-istess serviġi lill-interdetta Giovanna Spiteri. L-atturi jippretendu li, tenut kont li huma rrendew dawn is-serviġi *on a 24 hour basis* jixraqilhom li jingħataw id-dopju tal-paga minima nazzjonali. Dan jippretenduh għax huma ma darux b'zijiethom għal tmien siegħat biss kuljum, (li hija l-ġurnata normali tax-xogħol) imma minħabba l-istat fiżiku u mentali tagħha, li ġie kkoroborat mit-tobba u psikjatri kuranti tagħha u anke mill-fatt li d-diriġenti tad-Dar għall-anzjani li l-interdetta għamlet xi żmien rikoverata fiha, talbu kumpens ta' Lm50 kuljum, minħabba li kif qalu din

[1] Ara relazzjoni ta' Dr.Joseph Grech fl-atti ta-rikors nru.179/2000 quddiem il-Qorti ta' Gurisidizzjoni Volontarja

kellha bżonn attenzjoni kontinwa, ma setgħux iħalluha għall-ebda ħin waħedha, u għalhekk kien hemm xi ħadd magħha lejl u nhar.

Din il-Qorti, fiċ-ċirostanzi kollha tal-każ, jidrilha li l-atturi għandhom raġun f'din il-pretensjoni tagħhom u għalhekk ħaqqhom xi ħaġa iżjed minn dak li ġie likwidat lihom mill-perit legali fil-proċeduri quddiem il-Qorti Volontarja. Imma tenut kont li matul il-lejl l-esiġenzi tal-interdetta li kienux ser ikunu daqstant frekwenti daqs kemm setgħu kienu matul il-ġurnata, tħoss li daqs paga minima nazzjonali u nofs għandha tkun adegwata għal dan il-fini.

B'hekk jiġi li huwa dovut lill-atturi in konsiderazzjoni tas-serviġi resi minnhom flimkien matul il-perijodu ta' sitta u erbgħin ġimgħa li din għamlet taħt il-kura tagħhom: (Lm45 x 46) + (Lm22.5 x 46) = Lm3105.

L-atturi qegħdin jitolbu wkoll li jiġu rimborsati għall-ispejjeż inkorsi minnhom kemm damu jirrendu dawn is-serviġi lil zijithom Giovanna Spiteri. L-istess Dr. Joseph Grech kien daħal ukoll f'din il-kwistjoni fl-atti tar-Rikors Nru.48/2001 quddiem il-Qorti ta' Ġurisdizzjoni Volontarja fil-vesti tiegħu ta' kuratur ta' l-interdetta Giovanna Spiteri. Wara li eżamina r-riċevuti ppresentati mill-atturi, huwa sab li dawn kienu attwalment nefqu total ta' tmien mija wieħed u sebgħin lira maltiija u dsatax il-ċenteżmu (Lm871.19). [2] Dawn fil-fehma tiegħu ma kellhomx jiġu rimborsati, peress li l-atturi dik il-ħabta kienu qegħdin jirċievu l-pensjoni dovuta lill-Giovanna Spiteri, u allura dawn l-ispejjeż kellhom jinqatgħu mis-somma totali ta' Lm1271, li ġie kkalkolat li kienet tlaħħaq il-pensjoni tagħha bejn Marzu u Novembru tas-sena 2000.

L-atturi qegħdin jippretendu wkoll: Lm53.91 + Lm137.01 = Lm190.92 spejjeż oħra li jgħidu li nefqu għall-interdetta u li tagħhom baqgħu ma ġewx rimborsati. Billi pero' rriżulta li dawn setgħu jiġu rkuprati wkoll mill-pensjoni ta' l-interedetta li kienu laħqu ġabru f'isimha, dawn lanqas ma huma ripetibbli.

[2] Ara atti ta-rendikont a fol.180 fir-Rikors Nru.48/2001

L-atturi qed jitolbu wkoll ir-rimbors ta' l-ispejjeż tal-funeral ta' Giovanna Spiteri. Kif jidher mir-riċevuti relattivi,[3] dawn kienu Lm312 + Lm96 = Lm408. Issa jekk mill-pensjoni ta' l-interdetta ammontanti fis-somma ta' Lm1271 li l-atturi kellhom f'idejhom, innaqassu Lm871.19 aċċettati mill-kuratur, u Lm190.92, minfuqa minnhom wara li ġie nominat il-kuratur, jiġi li kien għad baqagħlhom f'idejhom: Lm208.99. B'hekk jiġi li għad fadlilhom jiġbru bħala spejjeż mill-eredita' ta' Giovanna Spitei: Lm408 – Lm208.99 = Lm199.01.

Għaldaqstant bejn il-kumpens għas-serviġi reżi lill-Giovanna Spiteri u l-bilanċ ta' l-ispejjeż inkorsi minnhom fl-interess tagħha, l-atturi għandhom jingħataw is-somma totali ta' : Lm3105 + Lm199.01 = Lm3304 jew aħjar illum €7696.25ċ mill-eredita' tal-mejta Giovanna Spiteri. Billi l-konvenuti bejniethom huwa ko-eredi ta' l-istess Giovanna Spiteri għal tliet kwarti (3/4) indiviżi tal-assi tagħha, jiġi li dawn għandhom iħallsu lill-atturi, li huma ko-eredi bejniethom għar-rimanenti kwart (1/4) indiviż, is-somma ta' €5772.19ċ biss.

Għal dawn il-motivi tiddeċidi dwar l-ewwel żewġ talbiet ta' l-atturi billi:

1. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara illi l-konvenuti bħala ko-eredi ta' Giovanna Spiteri huma responsabbli lejn l-atturi għall-ħlas tal-kumpens dovut għas-servizzi resi minnhom lill-istess Giovanna Spiteri; u

2. Tilqa' wkoll it-tieni talba u tillikwida l-kumpens dovut minnhom lill-atturi għal dawn is-servizzi fis-somma ta' ħamest elef seba' mija tnejn u sebgħin euro u dsatax il-ċenteżmu (€5772.19ċ).

L-ispejjeż ta' dawn it-talbiet għandhom jiġu ssoportati kwantu għal tliet kwarti (3/4) mill-konvenuti u kwart (1/4) mill-atturi stess.

[3] Ara kopji awtentikati taghhom esebiti a fol 305, 306 tal-process ta' din il-kawza

**< Sentenza In Parte >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------